

Brussell, 20 ta' Settembru 2021
(OR. en)

11842/21

LIMITE

ENV 637
CLIMA 249
FORETS 47
AGRI 431
DEVGEN 156
RELEX 784
FAO 30

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	10914/21 + ADD 1 - COM(2021) 572 final + ADD 2 + ADD 3
Suġġett:	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni L-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030 - Skambju ta' fehmiet

1. Fis-16 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni adottat il-Komunikazzjoni tagħha dwar Strateġija Ġdida għall-Foresti, li hija akkumpanjata minn żewġ dokumenti ta' ħidma tal-persunal, wieħed dwar il-Wegħda li sal-2030 fl-UE Jitħawlu Tliet Biljun Siġra u l-pjan direzzjonali tagħha, u l-ieħor dwar il-Konsultazzjoni tal-Partijiet Ikkonċernati u l-Bażi tal-Evidenza*.
2. L-Istrateġija l-Ġdida għall-Foresti hija waħda mill-inizjattivi ewlenin tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tibni fuq l-istrateġija tal-UE għall-bijodiversità għall-2030. Hija għandha l-għan li tikkontribwixxi biex jinkisbu l-objettivi ta' bijodiversità tal-UE, il-mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra ta' mill-inqas 55 % sal-2030 u n-newtralità klimatika sal-2050.

* 10914/21 + ADD 1- COM(2021) 572 final + ADD 2 + ADD 3.

3. Sabiex tistruttura l-iskambju ta' fehmiet bejn il-Ministri dwar l-Istrateġija l-Ġdida għall-Foresti fil-laqgħa tal-Kunsill Ambjent li ser issir fis-6 ta' Ottubru 2021, il-Presidenza ħejjiet dokument ta' informazzjoni b'żewġ mistoqsijiet, kif jinsab fl-Anness għal din in-nota.
4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jieħu nota tad-dokument ta' informazzjoni u l-mistoqsijiet tal-Presidenza u jibgħathom lill-Kunsill għall-iskambju ta' fehmiet.

Laqgħa tal-Kunsill tal-Ministri għall-Ambjent

6 ta' Ottubru 2021

– Skambju ta' fehmiet –

L-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030

Dokument ta' informazzjoni tal-Presidenza b'mistoqsijiet għall-Ministri

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew (EGD)¹ jirrikonoxxi l-forestrija u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti bħala waħda mill-politiki u l-miżuri ewlenin biex jiġu indirizzati l-isfidi relatati mal-klima u mal-ambjent. L-EGD jenfasizza li l-ekosistemi tal-foresti jinsabu taħt pressjoni li qed tiżdied, bħala riżultat tat-tibdil fil-klima, u li ż-żona tal-foresti tal-UE jeħtieġ li titjeb, kemm fil-kwalità kif ukoll fil-kwantità. L-oġġettivi ewlenin li ser jiġu indirizzati huma ż-żieda fl-assorbiment tas-CO₂, it-tnaqqis tal-inċidenza u l-firxa tan-nirien fil-foresti u l-promozzjoni tal-bijoekonomija, b'rispett sħiħ tal-prinċipji ekoloġiċi favorevoli għall-bijodiversità.

L-istrateġija tal-UE għall-bijodiversità għall-2030 – Inreġġgħu n-natura lura f'hajjitna² tindirizza l-ħtieġa li tiżdied il-kwantità ta' foresti u li jittejjbu s-saħħa u r-reżiljenza tagħhom, u tirrikonoxxi l-importanza tal-foresti għar-regolamentazzjoni tal-bijodiversità, il-klima u l-ilma, il-provvista ta' ikel, mediċini u materjali, is-sekwestru u l-ħżin tal-karbonju, l-istabbilizzazzjoni tal-ħamrija u l-purifikazzjoni tal-arja u tal-ilma. Hija tfakkar ukoll fir-rwol tal-foresti bħala ambjent naturali għar-rikreazzjoni u t-tagħlim dwar in-natura.

¹ 15051/19 + ADD 1 - COM(2019) 640 final.

² 8219/20 + ADD 1 - COM(2020) 380 final.

Il-Kunsill, fil-**Konklużjonijiet tiegħu dwar il-Bijodiversità - il-ħtieġa għal azzjoni urġenti**³, enfasizza l-ħtieġa ta' azzjoni effettiva fis-setturi kollha ta' politika rilevanti għall-bijodiversità, inkluż il-forestrija u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti. Il-Kunsill enfasizza wkoll l-importanza ta' ekosistemi tal-foresti b'saħħithom u reżiljenti, li jissodisfaw diversi funzjonijiet, u tal-protezzjoni tal-foresti primarji li fadal, inkluż id-definizzjoni, l-immappjar, u l-monitoraġġ ta' foresti primarji u foresti antiki, bil-għan li tiġi żgurata l-konservazzjoni tagħhom.

Il-Kunsill, fil-**Konklużjonijiet tiegħu dwar il-Perspettivi għall-politiki tal-UE relatati mal-foresti għal wara l-2020**⁴, appella lill-Kummissjoni biex tiżgura l-konsistenza u l-koerenza tal-politiki tal-UE relatati mal-foresti għal wara l-2020 u enfasizza l-ħtieġa li tiġi indirizzata b'mod strateġiku l-frammentazzjoni li qed tiżdied tal-politiki tal-UE relatati mal-foresti u li jittejbu l-koordinazzjoni u l-koerenza tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030, l-Istrateġija tal-UE dwar l-Adattament u l-liġi tal-UE dwar il-Klima, fost oħrajn.

Il-Kunsill, fil-**Konklużjonijiet tiegħu dwar "Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima – l-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima"**⁵, irrikonoxxa l-importanza li jiġu integrati aktar il-miżuri ta' adattament fil-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, bħala eżempju ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, filwaqt li jiġi enfasizzat ir-rwol multifunzjonali tal-foresti, b'mod partikolari fl-istabbilizzazzjoni u t-tkessiħ ta' klimi lokali, fir-regolamentazzjoni taċ-ċikli idroloġiċi u fil-kontribut b'mod pożittiv għaċ-ċiklu tal-karbonju.

³ 12210/20.

⁴ 12695/1/20 REV 1.

⁵ 9694/21.

Filwaqt li tibni fuq l-Istrateġija għall-bijodiversità għall-2030, il-Kummissjoni adottat **Strateġija ġdida tal-UE għall-foresti għall-2030**⁶ (l-Istrateġija) li tirrikonoxxi r-rwol ċentrali u multifunzjonali tal-foresti, u l-kontribut tal-forestiera u l-katina tal-valur kollha bbażata fuq il-foresti għall-kisba ta' ekonomija sostenibbli u newtrali għall-klima sal-2050, filwaqt li tiżgura li l-ekosistemi kollha jiġu restawrati, ikunu reżiljenti u jiġu protetti b'mod adegwat. L-objettiv globali tal-Istrateġija huwa l-kontribut tal-forestija u tas-settur ibbażat fuq il-foresti għall-mira li jitnaqqsu l-emissjonijiet netti tal-gassijiet b'effett ta' serra b'mill-inqas 55 % sal-2030 u li tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050, li ser tiġi implimentata permezz tal-miżuri stipulati fil-pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %", l-adattament tal-foresti għat-tibdil fil-klima kif ukoll it-twaqqif tat-telf tal-bijodiversità.

Filwaqt li għandha l-għan **li tappoġġa l-funzjonijiet soċjoekonomiċi tal-foresti**, l-Istrateġija tirrikonoxxi u għandha l-għan li tagħti spinta lill-bijoeconomija sostenibbli kollha tal-foresti li taħdem f'sinerġija maż-żieda fl-ambizzjoni tal-UE dwar il-klima u l-bijodiversità. F'dan ir-rigward huma previsti miżuri għall-promozzjoni ta' bijoeconomija sostenibbli tal-foresti għal prodotti tal-injam b'ħaġġa twila, l-iżgurar tal-użu sostenibbli ta' riżorsi bbażati fuq l-injam għall-bijoenerġija, il-promozzjoni ta' bijoeconomija mhux ibbażata fuq l-injam mill-foresti, inkluż l-ekoturiżmu, u l-iżvilupp ta' ħiliet u l-awtonomizzazzjoni tan-nies għal bijoeconomija sostenibbli bbażata fuq il-foresti.

Sabiex tiżgura **l-protezzjoni, ir-restawr u t-tkabbir tal-foresti tal-UE** biex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima, jitreġġa' lura t-telf tal-bijodiversità u jiġu żgurati ekosistemi tal-foresti reżiljenti u multifunzjonali, l-Istrateġija tinkludi miżuri għall-protezzjoni tal-aħħar foresti primarji u foresti antiki tal-UE li fadal, għall-iżgurar tar-restawr tal-foresti u l-ġestjoni sostenibbli msaħħa tal-foresti għall-adattament għall-klima u r-reżiljenza tal-foresti, u għar-riforestazzjoni u l-afforestazzjoni ta' foresti bijodiversi, inkluż billi jitħawlu tliet biljun siġra addizzjonali sal-2030. L-Istrateġija tirrikonoxxi wkoll il-ħtieġa ta' inċentivi finanzjarji għas-sidien u l-manigġers tal-foresti biex itejbu l-kwantità u l-kwalità tal-foresti tal-UE.

⁶ 10914/21 + ADD 1 - COM(2021) 572 final + ADD 2 + ADD 3.

Sabiex tiżgura li l-UE u l-Istati Membri jkunu jistgħu juru b'mod konġunt li qegħdin fit-triq it-tajba u li l-foresti jistgħu fil-fatt jaqdu dawn id-diversi ħtiġijiet u funzjonijiet, l-Istrateġija tirrikonoxxi l-ħtieġa ta' **ppjanar strateġiku dwar il-foresti** fl-Istati Membri kollha tal-UE fil-livell nazzjonali u, fejn applikabbli, fil-livell reġjonali. Dan l-ippjanar għandu jkun ibbażat fuq **monitoraġġ u data affidabbli**, governanza trasparenti u skambju koordinat fil-livell tal-UE. F'dan ir-rigward, hija prevista **proposta leġiżlattiva għal qafas ta' Osservazzjoni, Rappurtar u Ġbir tad-Data dwar il-Foresti** bil-ħsieb li jiġi stabbilit qafas integrat ta' monitoraġġ tal-foresti fl-UE kollha, bl-użu ta' teknoloġiji ta' telerilevament u data ġeospazjali integrati ma' monitoraġġ ibbażat fuq l-art, li ser itejjeb il-preċiżjoni tal-monitoraġġ.

Ir-rwol kruċjali **tar-riċerka u l-innovazzjoni** huwa enfasizzat fl-Istrateġija, kif ukoll l-opportunitajiet biex tiġi aċċellerata l-applikazzjoni ta' innovazzjonijiet diġitali għall-forestrija, għaż-żoni rurali u tul il-ktajjen tal-valur, u biex jiġi aċċellerat l-użu ta' innovazzjonijiet relatati mal-foresti, biex jiġu promossi l-iskambju tal-għarfien, il-kooperazzjoni, l-edukazzjoni u t-taħriġ.

L-Istrateġija tiffoka wkoll fuq **l-implimentazzjoni ta' qafas ta' governanza tal-foresti tal-UE inklużiv u koerenti**, bil-għan li jkun hemm involviment bikri u konsistenti tal-esperti tal-Istati Membri fl-attivitajiet kollha relatati mal-foresti, inkluż billi jiġu proposti definizzjonijiet ta' foresti primarji u ta' foresti antiki, u fuq **it-tisħiħ tal-implimentazzjoni u l-infurzar tal-acquis eżistenti tal-UE**.

L-Istrateġija hija akkumpanjata minn żewġ Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni: "Dokument ta' Ħidma tal-Persunal dwar il-Konsultazzjoni tal-Partijiet Ikkonċernati u l-Bażi tal-Evidenza" u "Dokument ta' Ħidma tal-Persunal dwar il-Wegħda li sal-2030 fl-UE Jitħawlu Tliet Biljun Siġra".

Mistoqsijiet issuġġeriti għall-iskambju ta' fehmiet fil-laqgħa tal-Kunsill tal-Ministri għall-Ambjent tas-6 ta' Ottubru 2021:

- 1. L-Istrateġija l-Ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030 tirrifletti b'mod adatt il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità, billi tenfasizza l-importanza ta' ekosistemi tal-foresti b'saħħithom u reżiljenti, li jissodisfaw diversi funzjonijiet, u l-importanza li jiġu protetti l-foresti primarji u l-foresti antiki li fadal?*
- 2. L-Istrateġija l-Ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030 tipprovdi bażi tajba għall-UE biex tmexxi globalment b'eżempju pożittiv ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti li tikkontribwixxi għall-oġettivi tal-klima u tal-bijodiversità u għal bijoekonomija stabbli bbażata fuq il-foresti?*
